# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 872/2018 MH**

**Illum, 24 ta' Frar 2023**

**Mariella Cutajar (K.I. 522661M)**

**vs**

**Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Mariella Cutajar tad-29 t'Awwissu 2018** permezz ta' liema ppremettiet u talbet –

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li hija taf personalment bis-segwenti:*

*1.Premess illi r-rikorrenti Mariella Cutajar ta' St Andrews, Flat 2, Cannon Road, Qormi taghmel riferenza ghall-diversi tipi ta'materjali promozzjonali ppublikati mill-Agenzija intimata inkluzi (i) leaflets imqassma u disseminati fi skejjel varji gewwa Malta u Ghawdex (ii) filmati mxandra fuq programmi televizivi varji u fuq il-media socjali (iii) ritratti ppublikati fuq il-media socjali u (iv) posters u kartelluni varji mwahhlin fl-ufficji tal-Kunsilli lokali madwar Malta u Ghawdex li kollha juru bic-car lill-attrici liebsa 1-uniformi ta' warden waqt 1-impieg precedenti taghha ma' entita' distinta' ossia "The Guard and Warden House Limited" (Kopja ta' diversi mill-imsemmija leaflets, posters, ritratti u filmati qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala '**Dok A**')*

*2.Illi l-attrici li kienet impjegata bhala Local Warden, Field Officer, Inspector u anke Superintendent (vide r-reference letter annessa bhala '**Dok B'**) fi hdan is-socjeta "The Guard and Warden House Limited", kienet irrizenjat mill-impieg taghha wara li l-istess socjeta kienet giet assorbita mill-Agenzija konvenuta u l-impjegati taghha trasferiti maghha.*

*3. Illi meta sar dan it-transfer tal-operat, l-attrici kienet offruta pozizzjoni ferm inferjuri minn dik li kella qabel (Supertintendent) u hija kienet ghalhekk hadet d-decizjoni difficli illi tirrizenja mill-impieg u twaqqaf kull relazzjoni li kellha mal-istess socjeta' u l-Agenzija.*

*4.Illi minkejja dan kollu, l-Agenzija konvenuta ottjeniet dawn il-fotografiji tar rikorrenti minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-attrici, u dan peress l-attrici ma kellha l-ebda relazzjoni guridika jew kuntrattwali mal-Agenzija intimata u minghajr ebda kunsens jew awtorizzazjoni sabiex jittiehdu u/jew jigu ppublikati dawn ir-ritratti, filmat u immagini;*

*5.Illi minkejja n-nuqqas ta' awtorizzazjoni jew kunsens tar-rikorrenti, l-agenzija intimata ghaddiet sabiex tippublika u tiddissemina dawn ir-ritratti u filmat f'postijiet accessibbli mill-pubbliku generali u kwindi lill-eluf ta' telespettaturi, studenti gewwa diversi skejjel Maltin u lil-pubbliku in generali;*

*6.Illi dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-attrici li jesigu li tkun hi li taghti l-kunsens u l-awtorizzazzjoni sabiex data personali taghha tigi uzata fuq materjal promozzjonali destinat ghall-informazzjoni tal-pubbliku u reklamar promozzjonali;*

*7. Illi ghalhekk dan l-uzu u l-ipprocessar mhux awtorizzat u illegali ta' data personali sar bi ksur tad-drittijiet tal-attrici kif mahsub fir-Regolament Generali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (Regolament UE 2016/679) illi jirregola liprocessar tad-data personali ta' individwi Ewropej, u kif ukoll fil-Kap 586 tal-ligijiet ta' Malta;*

*8.Illi dan l-agir u l-uzu inekwivoku u mhux awtorizzat tar-ritratti, filmati u immagini tal-attrici minghajr il-kunsens taghha, qeghdin joholqu fastidju u jdejjqu lil-attrici illi ilha izjed minn sentejn ma tahdimx bhala gwardjana lokali, u dan ghaliex qeghdin joholqu konfuzjoni mal-hbieb u l-qraba taghha li ta spiss jibqghu isaqsuha ghalfejn qeghda tibqa tidher kullimkien fuq dan il-materjal promozzjonali u sahansitra jghaddu kummenti li huma ta' fastidju ghar-rikorrenti*

*stante illi hija telqet mix-xoghol ta' gwardjan lokali bl-intiza cara li ma kellhiex hajra aktar li tibqa involuta jew assocjata ma dak ix-xoghol u dan apparti illi hija persuna rizervata u li taghtu valur lill-hajja privata u l-privatezza taghha.*

*9.Illi mitluba sabiex tiddesisti mill-uzu tad-data personali tal-attrici fuq l-imsemmi materjali promozzjonali u sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni konsegwenti ghall-imsemmi ksur (permezz ta' ittra ufficjali annessa bhala Dok C), l-Agenzija konvenuta baqghet inadempjenti;*

*10.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza odjerna;*

***Ghaldaqstant l-esponent titlob lil dina l- Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna joghgobha:***

1. ***Tiddikjara illi l-ipprocessar tad-data personali tar-rikorrent min naha tal-agenzija konvenuta konsistenti f'tqassim ta' leaflets lil-skejjel varji gewwa Malta u Ghawdex, xandir ta filmati fuq diversi programmi telvizivi u fuq media socjali u twahhil ta' varji posters u kartelluni fl-ufficji tal-kunsilli lokali madwar Malta u Ghawdex, minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-attrici, jikkostitwixxu atti abbuzivi u lezivi tad-drittijiet tal-attrici ai termini tal-GDPR;***
2. ***Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jkomplu jxerdu, jiddesseminaw u jipprocessaw id-data personali tal-attrici u tordna t-thassir tal-materjal promozzjoni kollu ezistenti u l-fotagrafiji personali tal-attrici u dan ai termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta;***
3. ***Tillikwida d-danni kollha marbuta ma' u konsegwenti ghall-imsemmi ksur tad-drittijiet ta' l-attrici ai termini tal-Artikolu 30(2) tal-Kap 586 okkorrendo permezz tal-hatra ta' periti nominandi jekk ikun hemm il-bzonn;***
4. ***Tikkundanna u tordna lil-Agenzija konvenuta thallas d-danni reali u morali hekk kif likwidati;***
5. ***Taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportuni.***

***Bl- ispejjez***

*Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.*

*Rat **ir-risposta ġuramentata tal-Aġenzija konvenuta tad-9 t'Ottubru 2018**[1] permezz ta' liema ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet –*

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu **Raymond Zammit ID 700254(M)** filkwalita tieghu ta' Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni tal-Agenzija Ghas-Sistema Tal-Infurzar Lokali jiddikjara u jeccepixxi:*

*1.ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti tirrileva illi hija assolutament mhiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici stante illi l-materjal li ghalih qeda. taghmel referenza r-rikorrenti ma giex ippublikat mill-Agenzija eccipjenti u kwindi l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*2.ILLI fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni attrici hija perenta ai termini tal-artikolu 30(4) tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3.ILLI fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt. ln fatti l-eccipjenti ma wzat jew ipprocessat ebda data personali tar-rikorrenti kif minnha allegat u d-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mir-rikorrenti ma japplikawx ghac-cirkostanzi allegati mill-istess rikorrenti.*

*4.F'kull kaz u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti lanqas ma huma proponibbli fil-konfront tal-eccipjenti ghaliex l-eccipjenti ma kisret ebda drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-GDPR (Regolament UE 2016/679) u/jew tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta u ma ghamlet xejn bi ksur tal-Ligi jew ta' xi regolamenti jew tal-Awtoritajiet kompetenti u kwindi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5.Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti l-esponenti dejjem imxiet skond il-Ligi u kwindi m'hemmx lok li l-eccipjenti tigi dikjarata illi kkommettiet xi atti li huma abuzivi jew lezivi ghad-drittijiet tal-attrici ai termini tal-GDPR u kwindi l-ewwel u t-tieni talbiet attrici ghandhom jigu michuda.*

*6. Illi l-eccipjenti m'hi responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tal-attrici u kwindi l-kumplament tat-talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez. F'kull kaz biex talba ghad-dannibtirnexxi l-attrici jehtiegilha tipprova mhux biss li hija materjalment soffriet danni,izda wkoll in-ness (nexus) bejn id-danni minnha allegatament soffriet u xi azzjoni,nuqqas jew ommissjoni minn naha tal-*

[1] Fol 16 et seq

*eccipjenti li certament mhux il-kaz petess li kif inghad l-eccipjenti dejjem imxiet skond il-ligi*

*7. Illi ghalhekk l-ecciojenti tirrileva li t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat **ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-Aġenzija konvenuta tas-6 ta' Diċembru 2018**[2] permezz ta' liema ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet –

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu* ***Raymond Zammit ID 700254(M)*** *fil-kwalita tieghu ta' Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni tal-Agenzija Ghas-Sistema Tal-Infurzar Lokali, jiddikjara u jeccepixxi:*

*1. ILLI I-eccipjenti tirrileva illi billi skond l-affidavit tar-rikorrenti [1] l-allegat ksur lamentat sehh qabel Dicembru 2017 u/jew ir-rikorrenti allegatament saret taf bl-allegati posters/leaflets ghal habta ta' Dicembru 2017 (vide para 6 tal-affidavit attrici) qed jigi eccepit l-inapplikabilita tal-GDPR (Regolament UE 2016/679) u tal-Kap 586 tal-Ligijiet ta' Malta Ii gew fis-sehh fit-28 ta' Mejju 2018 u skond it-transitory provision Artiklu 34 tal-Kap. 586 huwa l-Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta Ii jibqa' japplika ghal allegat ksur Ii jkun allegatament sehh qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi Kap. 586 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2.ILLI l-imsemmi Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi fl-artikolu 46 illi azzjoni ghad-danni kagun ta' allegat ksur ta' ipprocessar tad-data issir b'rikors guramentat quddiem il-Qorti. Ghalhekk huwa car Ii una volta l-Ligi applikabbli hija l-Kap. 440, ma' jistax ikun hemm proceduri duplici quddiem entitajiet ohra (bhal dawk inizzjati mill-istess rikorrenti quddiem i-lnformation and Data Protection Commissioner) dwar l-istess materja u l-istess fatt meta hemm pendenti I-odjerna kawza quddiem din I-Onorabbli Qorti.*

*3.ILLI dato ma non concesso Ii l-eccezzjoni sudetta ma tigix akkolta u l-Qorti tqis Ii I-Ligi applikabbli hija l-GDPR (Regolament UE 2016/679) u/jew il-Kap. 586 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-qima jinghad illi ghalkemm l-*

[2] Fol 37 et seq

*Artikolu 30 tal-Kap. 586 u I-ArtikoIi relattivi taht il-GDPR (Art. 77 et seq) jipprovdu illi: "(1) Minghajr preéudizzju ghal kull rimedju iehor li jista' jkollu, inkIuz id-dritt li jirregistra lment mal-Kummissarju, suggett ta' data jista', fejn jidhirlu li d-drittijiet tieghu taht ir-RegoIament jew taht dan I-Att gew miksura bhala rizultat tal-ipprocessar tad-data personali tieghu bi ksur tad-dispzizzjonijiet tar-Regolament jew ta' dan I-Att, permezz ta' rikors Guramentat quddiem il-Prim'AwIa tal-Qorti Civili, jibda azzjoni ghal rimedju gudizzjarju effettiv kontra l-kontrollur jew il-processur ikkoncernati" huwa inkoncepibbli legalment li jkun hemm proceduri duplici fuq I-istess fatt u kwindi qed jigi eccepit illi I-ewwel u qabel xejn ghandu jigi determinat u deciz il-forum kompetenti li ghandu gurisdizzjoni li jisma u jiddetermina I-ilment de quo*[2].

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti*

Rat li b'ordni tagħha qabel xejn kellhom jiġu trattati u deċiżi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari sollevati fir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-Aġenzija konvenuta.

Rat il-provi mressqa b'rabta ma' dawn l-eċċezzjonijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat l-atti tal-*Complaint File* allegat numru CDP/Comp/68/2018tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data dwar l-ilment imressaq minn Mariella Cutajar b'rabta mal-pubblikazzjoni ta' ritratti mingħajr il-kunsens tagħha u mhux skont id-dritt tagħha għal aċċess tad-data personali tagħha.

Rat l-atti allegati tal-appell numru 1/2019 fl-ismijiet *Mariella Cutajar vs Aġenzija Sistema Infurzar Lokali* quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti sabiex tagħti l-provvedimenti meħtieġa wara li, mingħajr il-kunsens tagħha, l-Aġenzija konvenuta qassmet *leaflets* fl-iskejjel, xandret filmati fuq it-televiżjoni, ippublikat posts fuq il-pjattaformi soċjali u waħħlet *posters* u kartelluni fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali, liema materjal hekk distribwit kien jikkontjeni xbihat ta' l-istess rikorrenti. Hija qegħda titlob dikjarazzjoni li dan l-aġir tal-Aġenzija konvenuta jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tagħha kif protetti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR") (Regolament UE 2016/679) u kif ukoll fil-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, qed titlob li l-istess Aġenzija tiġi ordnata sabiex tieqaf milli tkompli xxerred u tipproċessa d-data personali tagħha, tordna t-tħassir tal-materjal promozzjonali kollu eżistenti u l-fotografiji personali tagħha ai termini tal-Kap 586 kif ukoll tillikwida u tordna l-ħlas tad-danni reali u morali konsegwenzjali.

Minn naħa tagħha l-Aġenzija konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta li l-attriċi kienet taħdem bħala gwardjana lokali ma' kumpanija privata bl-isem *The Guard & Warden Service House Ltd* mit-28 ta' Frar 2000 sakemm hija rriżenjat fil-5 t'Ottubru 2016[3] meta din il-kumpanija ġiet assorbita mill-Aġenzija konvenuta ("LESA") fil-kawża odjerna.

[3] Fol 11

**1. L-attriċi Mariella Cutajar** fix-xhieda tagħha[4] lmentat li minkejja li hija kienet telqet minn mas-soċjeta' *The Guard & Warden Service House Ltd*, l-Aġenzija konvenuta xorta ottjeniet, ippubblikat u qassmet il-materjal promozzjonali fuq imsemmi mingħajr l-għarfien u l-kunsens tagħha.

F'dan il-materjal promozzjonali esibit bħala prova, tidher fir-ritratti l-attriċi liebsa l-uniformi tal-*Guard and Warden*.

L-attriċi kompliet tixhed li hija ġiet a konoxxenza ta' dawn il-posters u leaflets għall-ħabta ta' Diċembru 2017 u ħasset li kellha tieħu passi biex twaqqaf dan kollu meta skopriet kemm kienet estensiva d-disseminazzjoni tal-materjal.

Fil-fehma tal-attriċi, il-LESA kienet qed tagħmel użu rresponsabbli u inaċċettablli mid-data personali tagħha speċjalment meta d-diriġenti tagħha kienu jafu li hi telqet minn dak ix-xogħol fuq nota ħażina u ma riedet ikollha xejn iżjed x'taqsam max-xogħol preċedenti tagħha bħala gwardjana lokali.

L-attriċi xehdet ukoll dwar il-fastidju u l-inkonvenjent kawżat lilha minħabba d-disseminazzjoni tal-immaġini tagħha ad insaputa tagħha u mingħajr il-kunsens tagħha mill-Aġenzija konvenuta.

**2.** Minn naħa tiegħu **Raymond Zammit, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-LESA** xehed[5] li l-materjal promozzjonali li l-attriċi qed tilmenta dwaru l-attriċi kien ġie kreat mill-employer preċedenti tagħha *The Guard & Warden Service House Ltd* bil-kunsens sħiħ tagħha tant li hija flimkien ma' persuni oħra ppużat għar-ritratti. Inoltre, x-xhud isostni li l-attriċi kienet ben konxja li dawn ir-ritratti kellhom l-għan li jintużaw għall-kampanja ta' għarfien (*awareness*), prevenzjoni ta' offiżi

[4] Affidavit a fol 23
[5] Affidavit a fol 44 et seq u xhieda in kontro-eżami a fol 60 et seq

marbuta mat-traffiku fit-triq u kampanja edukattiva mibdija mill-istess employer preċedenti b'dana li meta l-mansjoni tal-infurzar lokali għadda bil-liġi f'idejn il-LESA, l-istess kampanja tkompliet mill-LESA. Ix-xhud isostni li l-attriċi kienet taf ben tajjeb b'dan il-fatt u la hi u lanqas l-employer tagħha qatt ma ġibdulhom l-attenzjoni li ma kienx hemm kunsens tal-attriċi jew li dan il-kunsens kien ġie rtirat.

Zammit żied jgħid li l-LESA ġiet kostitwita fl-1 t'Ottubru 2015 bis-saħħa tal-A.L. 153 tal-2015 fejn il-mansjoni tal-infurzar lokali u servizzi anċillari li qabel kienu jaqgħu fil-kompetenza tal-kumpanija privata *The Guard & Warden Service House Ltd* ġew trasferiti lill-istess LESA. Legalment it-*transfer of business* seħħ b'effett mill-1 ta' Mejju 2018.

Ix-xhud spjega wkoll li fil-perjodu qabel ma seħħ dan it-trasferiment u ċioe' bejn l-1 t'Ottubru 2015 u t-30 t'April 2018 il-LESA kienet taqdi l-funzjonijiet tagħha ta' nfurzar lokali tramite s-servizzi provduti lilha minn *The Guard & Warden Service House Ltd* . Bejniethom kien hemm ftehim kummerċjali naxxenti mit-tenders relattivi li kien hemm fis-seħħ fejn il-LESA kienet 'tikri' bi ħlas is-servizzi meħtieġa mingħand *The Guard & Warden Service House Ltd* li kienu jinkludu s-servizzi kollha relatati mat-tħaddim tal-infurzar lokali inkluż allura l-kampanja edukattiva ta' tagħlim u prevenzjoni, fl-isfond ta' liema, kienu saru dawk il-leaflets u ttieħdu r-ritratti relattivi.

Raymond Zammit kompla jixhed li r-ritratti mertu tal-kawża odjerna ttieħdu minn *The Guard & Warden Service House Ltd* u mhux mill-LESA u l-attriċi kienet taf b'dawn ir-ritratti u qatt m'oġġezzjonat jew marret għandhom biex tilmenta li m'għandhomx jużawhom aktar ħlief f'Lulju 2018 meta kienet bagħtet ittra uffiċjali. Minn hemm il-LESA kienet għamlet eżerċizzju fejn ġabret lura l-*leaflets* li kien għad fadal fiċ-ċirkolazzjoni u dawn ġew issiġillati u jistgħu jiġu distrutti.

Ix-xhud sostna wkoll li huwa mpossibbli li l-attriċi ma kinitx taf b'dan il-materjal promozzjonali qabel Diċembru 2017 peress li dan kien sar minn *The Guard & Warden Service House Ltd* fiż-żmien meta hija kienet għadha taħdem hemm u ċioe qabel Ottubru 2016 u l-attriċi kienet taf sew li qegħdin jintużaw kemm minn *The Guard & Warden Service House Ltd* kif ukoll mill-LESA. Skont ix-xhud, ladarba dan il-materjal promozzjonali kien diġa' fid-dominju pubbliku sa minn żmien l-operat ta' *The Guard & Warden Service House Ltd,* il-LESA kellha kull dritt li tużahom hija wkoll meta bdiet topera.

In kontro-eżami, Zammit ikkonferma li meta l-LESA assumiet l-operat tal-infurzar lokali, d-diriġenti tagħha ma tkellmux mal-ħaddiema biex jgħidulhom li d-data personali tagħhom kienu ġew trasferiti lill-LESA. U peress li l-materjal promozzjonali in kwistjoni kien diġa' qed jiġi mqassam u disseminat, il-LESA kompliet tużah. Ix-xhud ippreċiża li effettivament il-LESA reġgħet ipprintjat leaflets u għamlet materjal ġdid fejn żammet l-istess ritratti li kienu nġibdu minn *The Guard & Warden Service House Ltd* u li fihom tidher anke l-attriċi pero' biddlet l-intestatura biex ġiet bil-*logo* tagħha u żiedet ukoll xi nformazzjoni mill-leġislazzjoni sussidjarja għall-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-LESA ma talbitx permess tal-persuni konċernati li l-immaġini tagħhom kien jinsab f'dawn ir-ritratti. Huwa kkonferma wkoll li l-LESA kienet awtorita' ġdida u kellha personalita' ġuridika separata minn *The Guard & Warden Service House Ltd*[6].

Ix-xhud qal li l-LESA qegħda tiġi wkoll preġudikata peress li kontemporanjament qegħda tiġi assoġġettata għal skrutinju doppju minn żewġ entitajiet differenti fuq l-istess mertu u fuq l-istess fatti. Dan peress li i fid-29 t'Awwissu 2018 Mariella Cutajar intavolat il-proċeduri odjerni filwaqt li permezz ta' ittra datata 1 ta'

[6] Fol 60 et seq

Novembru 2018 maħruġa mill-Kummissarju tad-Data, l-LESA ġiet infurmata li Cutajar kienet ressqet ilment miegħu ukoll. Minkejja li l-Kummissarju msemmi kien ġie mitlub mill-LESA sabiex jieqaf milli jkompli jistħarreġ l-ilment quddiemu ladarba hemm il-kawża odjerna pendenti, huwa naqas milli jagħmel dan.

3. **David Cauchi, rappreżentant tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data** xehed li[7] hemm distinzjoni bejn l-investigazzjoni li ssir mill-Kummissarju msemmi kontra kontrollur tad-data u proċeduri li jittieħdu fil-Qrati għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni taħt il-GDPR. Dan peress li fl-ewwel każ il-Kummissarju jista' jissanzjona jew jagħti twiddiba lill-kontrollur tad-data. Pero' huwa biss fit-tieni każ u ċioe' hija biss il-Qorti li għandha l-poter takkorda kumpens liċ-ċittadini.

4. Ġiet esibita fl-atti d-deċiżjoni tal-*Information and Data Protection Commissioner* datata 14 ta' Marzu 2019fl-ismijiet *Ms Mariella Cutajar vs Local Enforcement System Agency*[8] fejn għar-raġunijiet hemm imsemmija laqa' l-ilment ta' Mariella Cutajar u sab li –

*"1. The publications containing visual images of the complainant were unlawful, given that the controller did not satisfy any legal ground as provided for under Article 6(1) of the Regulation;*

*2. The controller failed to take sufficient action to ensure the destruction, removal or deletion of the images concerning the data subject at the time when she had first objected through the judicial letter dated 13 July 2018;*

[7] Fol 76
[8] Fol 49 et seq

*3. The controller failed to provide a response following the data's subject's right of access request, thus acting in violation of Article 15 of the Regulaion;"*

Il-Kummissarju ta twiddiba lill-LESA u tahom struzzjoni biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi jiddeżistu milli jużaw tali materjal u jassikuraw li kwalunkwe materjal li fih immaġini viżwali tal-attriċi, kemm f'forma manwali u elettronika, għandu jiġi distrutt, imneħħi jew altrimenti mħassar b'mod permanenti.

5. Permezz ta' appell imressaq quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data il-LESA ressqet tlett aggravji –

(i) Il-proċeduri kollha quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data għandhom jiġu dikjarati nulli u bla effett stante li fil-fehma tagħha ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u hija ma ngħatatx smiegħ xieraq;

(ii) Il-proċeduri quddiem il-Kummissarju ma setgħux jitkomplew ġjaladarba hemm kawża pendenti quddiem il-Qorti li ġiet intavolata qabel ma sar l-ilment quddiemu;

(iii) Ladarba l-ilment seħħ qabel Diċembru 2017 u/jew Mariella Cutajar saret taf bl-allegati poster/leaflets għal ħabta ta' Diċembru 2017, għandu japplika għall-każ odjern il-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux il-GDPR u l-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' deċiżjoni preliminari datata 28 ta' Lulju 2020 it-Tribunal ċaħad dawn l-aggravji[9].

[9] Fol 180 et seq

6. Permezz ta' sentenza finali datata 23 ta' Ġunju 2022, it-Tribunal ta d-deċiżjoni dwar ir-raba' u l-ħames aggravju tal-LESA, liema aggravji kienu dawn –

(iv) Il-Kummissarju naqas li jikkonsidra r-raġuni li tat l-Aġenzija u ċioe' li kienet qed tuża d-data personali ta' Mariella Cutajar għall-iskopijiet elenkati fl-artikolu 2 (d) tal-GDPR; u

(v) L-Aġenzija tikkontendi li l-materjal promozzjonali kien sar mill-kumpanija *Guard & Warden Service House Ltd* fil-kampanja edukattiva tagħha tas-sena 2014. Mill-1 t'Ottubru 2015 ħadet over il-LESA bħala regolatur u għamlet sal-1 ta' Mejju 2018 tikri s-servizzi mingħand il-*Guard & Warden Service House Ltd.* Fl-1 ta' Mejju 2018 sar it-*transfer of business* u l-operat ġie trasferit għal għand l-Aġenzija LESA. Għalhekk il-LESA mhijiex leġittimu kontradittur.

Fid-deċiżjoni tiegħu it-Tribunal ċaħad ir-raba' aggravju. Dwar il-ħames aggravju, dan ġie miċħud *in parte* in kwantu għall-perjodu bejn it-28 ta' Mejju 2018 sa Lulju 2018 meta nġabru l-leaflets mill-LESA u in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, it-Tribunal irriforma u varja d-deċiżjoni tal-Kummissarju u mpona twiddiba lill-istess Aġenzija.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra tipproċedi biex titratta u tiddeċiedi dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari sollevati fir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-Aġenzija ntimata.

**L-ewwel eċċezzjoni** tgħid hekk –

*"Illi l-eċċipjenti tirrileva illi billi skond l-affidavit tar-rikorrenti l-allegat ksur lamentat seħħ qabel Diċembru 2017 u/jew ir-rikorrenti allegatament saret taf bl-*

*allegati posters/leaflets għal ħabta ta' Diċembru 2017 (vide para 6 tal-affidavit tal-attriċi) qed jiġi eċċepit l-inapplikabilita' tal-GDPR (Regolament UE 2016/679) u tal-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2018 u skond it-transitory provision Artiklu 34 tal-Kap 586 huwa l-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta li jibqa' japplika għal allegat ksur li jkun allegatament seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Huwa paċifiku li –

- L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta) ħassar u ssostitwixxa l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta) u daħal fis-seħħ fit 28 ta' Mejju 2018;

- Skont l-**artikolu 2 tal-Kap 586** -

*"Dan l-Att jimplimenta u jispeċifika aktar id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)."*

Kwindi l-GDPR daħlu fis-seħħ ukoll fit-28 ta' Mejju 2018.

- Id-dispożizzjoni transitorja fl-**artikolu 34 tal-istess Att** tipprovdi li –

*" 34.(1) L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att imħassar", hu b'dan imħassar, u kull referenza f'xi liġi għall-Att imħassar għandha tinftiehem bħala referenza għal dan l-Att.*

*(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):*

*(a) l-Att imħassar għandu jibqa' fis-seħħ għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur tal-Att imħassar li ġraw jew inbdew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att; u*

*(b) kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att imħassar għandha, sakemm ma jsirux dispożizzjonijiet oħra taħt jew bis-saħħa ta' dan l-Att, tibqa' fis-seħħ u jkollha effett daqslikieku kienet saret taħt dan l-Att."*

Fl-isfond ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi l-Qorti tqis li –

(i) Sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha l-Aġenzija konvenuta tikkwota l-każ **LeoVegas Gaming p.l.c vs Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data deċiż fit-12 ta' Ġunju 2020** fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk -

*"Id-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar id-diversi lmenti li tressqu quddiemu ttieħdet qabel id-data li fiha ġie fis-seħħ l-Att XX tal-2018 illum il-Kap. 586, jiġifieri it-28 ta' Mejju, 2018, li ħassar il-Kap. 440. Għalhekk m'hemmx dubju li kienu d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440 li kellhom jiġu applikati mit-Tribunal fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 34(2) tal-Kap. 58."*

(ii) B'referenza għall-każ odjern, huwa minnu li fix-xhieda tagħha l-attriċi xehdet–

*"Illi jien ġejt a konoxxenza ta' dawn il-posters u dawn il-leaflets li jikkontjenu d-data personali tiegħi għall-ħabta ta' Diċembru 2017....*[10]*"*

(iii) Huwa minnu għalhekk li l-bidu tal-allegat ksur tad-drittijiet tagħha b'rabta mad-*data* personali tagħha seħħ qabel ma' daħlu fis-seħħ il-GDPR u l-Kap 586;

(iv) Pero', kuntrarjament għall-każ kwotat mill-Aġenzija konvenuta, jirriżulta ċar mir-rikors ġuramentat odjern li l-pretensjonijiet tal-attriċi mhumhiex marbuta biss ma' att wieħed iżda ma' allegat ksur kontinwat li pperdura almenu sakemm infetħet il-kawża fid-29 t'Awwissu 2018 u kwindi wara d-dħul fis-seħħ tal-GDPR u l-Kap 586;

(v) Infatti, fir-rikors promotur hija tallega li *"dan l-aġir u l-użu inekwivoku u mhux awtorizzat tar-ritratti, filmati u immaġini tal-attriċi mingħajr il-kunsens tagħha qegħdin joħolqu fastidju u jdejqu l-attriċi illi ilha iżjed minn sentejn ma taħdimx bhala gwardjan lokali*[11]*.... "*.

(vi) Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija konvenuta stess ikkonfermaw fil-Qorti li l-materjal promozzjonali mertu tal-kawża kien inġabar f'Lulju 2018[12] u kwindi wara d-dħul fis-seħħ tal- GDPR u l-Kap 586.

(vii) Għalhekk ċertament li l-GDPR u l-Kap 586 huma applikabbli għall-fattispeċje tal-każ odjern. Naturalment dawn il-liġijiet ma humhiex applikabbli retrospettivament u għalhekk ladarba huma daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2018,

---

[10] Fol 23
[11] Para 8 tar-rikors promotur
[12] Fol 190A et seq

it-talbiet tal-attriċi sejrin jiġu evalwati biss fil-kuntest tal-perjodu li jibda minn tali data l' quddiem u mhux qabel.

(viii) Jiġi sottolineat ukoll li kif ingħad fil-kawża **John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012 –

"*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*".

(ix) Fil-kawża odjerna l-attriċi għażlet li tintavola l-proċeduri *ai termini* tal-GDPR u l-Kap 586 u allura hija wkoll għażla tagħha li rrinunzjat għall-ilmenti dwar dak li seħħ qabel it-28 ta' Mejju 2018. Ċertament li din l-għażla ma tnaqqas xejn mill-validita' tal-pretensjonijiet li qed tressaq fil-kawża odjerna b'effett mid-data msemmija 'l quddiem.

**Fid-dawl tas-suespost din l-eċċezzjoni hija miċħuda.**

**It-tieni eċċezzjoni** tgħid hekk –

*" Illi l-imsemmi Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi fl-artikolu 46 illi azzjoni għad-danni kaġun ta' allegat ksur ta' ipproċessar tad-data ssir b'rikors ġuramentat quddiem il-Qorti. Għalhekk huwa ċar li una volta l-liġi applikabbli hija l-Kap 440, ma jistax ikun hemm proċeduri dupliċi quddiem entitajiet oħra (Bħal dawk inizjati mill-istess rikorrenti quddiem l-Information and Data Protection Commissioner) dwar l-istess materja u l-istess fatt meta hemm pendenti l-odjerna kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti."*

(i) In vista tad-deċiżjoni mogħtija fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni u ċioe' li l-kawża ser tipproċedi ai termini tal-Kap 586 u mhux tal-Kap 440, din l-eċċezzjoni tal-LESA hija ormai superfluwa u għalhekk awtomatikament sejra tiġi miċħuda.

(ii) Madankollu fi kwalunkwe każ l-eċċezjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

(iii) Bħala fatt kif irriżulta mill-provi, l-kawża odjerna ġiet intavolata fid-29 t'Awwissu 2018 filwaqt li l-ilment tal-attriċi mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ġie ntavolat fil-31 t'Ottubru 2018.

(iv) Skont **l-artikolu 77 (1) tal-GDPR** -

*"Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-data għandu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, il-post tax-xogħol tiegħu jew il-post tal-ksur allegat, jekk is-suġġett tad-data jqis li l-ipproċessar ta' data personali dwaru jikser dan ir-Regolament."*

(v) B'rabta ma' dan, **l-artikolu 11 (2) tal-Kap 586** jagħti dawn il-poteri lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data -

*"Il-Kummissarju jkun responsabbli biex iwettaq monitoraġġ u infurzar fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-Regolament, sabiex jipproteġi d-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali....."*

(vi) **L-artikolu 20 (1) tal-Att** imsemmi jagħti l-poter lill-istess Kummissarju li fejn isib ksur tal-Att huwa jista' jimponi l-ħlas ta' multi u penali amministrattivi. Pero', huwa ma jistax jillikwida u jordna l-ħlas ta' danni lill-persuna leża. Tali talba tista' ssir biss quddiem il-Qrati. U hekk sar fil-kaz odjern.

(vii) Fil-fatt kif jipprovdi **l-artikolu 82 (1) tal-GDPR** id-dritt tal-persuna li indipendentement minn proċeduri ai termini tar-Regolament tfittex ukoll għal danni subiti minnha mhuwhiex mittiefes -

*"Kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens mill-kontrollur jew il-proċessur għad-dannu mġarrab."*

(viii) Jirriżulta li filwaqt li ż-żewġ proċeduri huma sostanzjalment naxxenti mill-istess fatti, ir-rimedju mfittex mhuwhiex l-istess. Fl-ilment quddiem il-Kummissarju tal-31 t'Ottubru 2018 l-attriċi talbet li ssir investigazzjoni dwar l-aġir abbużiv tal-LESA fil-konfront tad-drittijiet tagħha għall-protezzjoni tad-data *"without prejudice to her rights to seek further legal remedies in the First Hall Civil Court"*. Filwaqt li fil-kawża odjerna, għall-ilmenti tagħha r-rikorrenti qegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni reali u morali.

9. Għalhekk żgur mhux il-każ li, kif qed targumenta l-LESA, ż-żewġ proċeduri in kwistjoni ser jagħtu lok għal dupliċita' ta' proċeduri li jwasslu għal żewġ deċiżjonijiet fuq l-istess mertu.

**L-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**It-tielet eċċezzjoni** tgħid hekk –

*"Illi dato ma non concesso li l-eċċezzjoni sudetta ma tiġix akkolta u l-Qorti tqis li l-Liġi applikabbli hija l-GDPR (Regolament UE 2016/679) u/jew il-Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-qima jingħad illi għalkemm l-Artikolu 30 tal-Kap 586 u l-Artikoli relattivi taħt il-GDPR (Art.77 et seq) jipprovdu illi: " (1) Mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor li jista' jkollu, inkluż id-dritt li jirreġistra lment mal-Kummissarju, suġġett ta' data jista', fejn jidhirlu li d-drittijiet tiegħu taħt ir-Regolament jew taħt dan l-Att ġew miksura bħala riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament jew ta' dan l-Att, permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jibda azzjoni għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra l-kontrollur jew il-proċessur ikkonċernati" huwa nkonċepibbli legalment li jkun hemm proċeduri dupliċi fuq l-istess fatt u kwindi qed jiġi eċċepit illi l-ewwel u qabel xejn għandu jiġi determinat u deċiż il-forum kompetenti li għandu ġurisdizzjoni li jisma u jiddetermina l-ilment de quo."*

(i) Din l-eċċezzjoni hija marbuta ma' dik ta' qabilha. F'dan ir-rigward, kif ingħad diġa', il-Qorti ma tirriskontra ebda dupliċita' bejn il-proċeduri istitwiti quddiem il-Qorti u dawk li saru (u llum huma mitmuma definittivament) quddiem il-Kumissarju u t-Tribunal fuq imsemmija.

(ii) Il-Qorti tirrepeti li fl-ilment quddiem il-Kummissarju l-attriċi talbet li ssir investigazzjoni dwar l-aġir abbużiv tal-LESA fil-konfront tad-drittijiet tagħha għall-protezzjoni tad-data li setgħet twassal għal twiddiba u/jew multa u penali amministrattiva. Mentri fil-kawża odjerna, ir-rikorrenti qegħda titlob il-

likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni reali u morali. Huwa ċar kristallin li l-għan wara dawn iż-żewġ proċeduri huwa differenti nonostante li huwa xprunat mill-istess fatti.

(iii) Għalhekk ma hemm ebda lok ta' għażla tal-forum li għandu l-kompetenza biex jisma' u jiddeċiedi dwar l-ilment odjern.

**L-eċċezzjoni ser tiġi respinta.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-Aġenzija konvenuta fir-risposta ġuramentata ulterjuri tagħha tas-6 ta' Diċembru 2018 bl-ispejjeż kontra tagħha u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**